

32006D0410

L 163/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

15.6.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Mejju 2006

li tistabbilixxi l-ammonti li, skont l-Artikoli 10(2), 143d u 143e tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, isiru disponibbli għall-FAEŻR u l-ammonti disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

(2006/410/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' sostenn taħt il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa ⁽²⁾ jstabbilixxi l-metodu għall-ikkalkular tal-ammonti netti għall-modulazzjoni li għandha ssir disponibbli għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). L-Artikoli 143d u 143e ta' dak ir-Regolament jiffissaw l-ammonti li għandhom isiru disponibbli għall-FAEŻR għar-ristrutturar fir-reġjuni tal-qoton u t-tabakk.
- (2) L-ammont massimu annwali disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) qabel it-trasferimenti għall-FAEŻR sal-2013 huma stabbiliti fl-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-qafas finanzjarju 2007-2013 ⁽³⁾.

- (3) L-ammonti li għandhom ikunu disponibbli għall-FAEŻR u l-bilanċ nett li għanduu jkun disponibbli għan-nefqa tal-FAEG għandhom jiġu f'fissati fuq il-bażi ta' daww l-ammonti massimi annwali għas-snin tal-baġit 2007-2013

IDDEĊIET KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

L-ammonti disponibbli għas-snin tal-baġit 2007 sal-2013 għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — (FAEŻR) skont l-Artikoli 10(2), 143d u 143e tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 kif ukoll il-bilanċ nett disponibbli tan-nefqa għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) ġew stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2006.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni 319/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 32).

⁽³⁾ Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

L-ANNEX

Sena tal-baġit	Ammonti disponibbli Għall-FAEŻR			Mil €
	Art. 10(2) ta' R.1782/2003	Art. 143d ta' R.1782/2003	Art. 143e ta' R.1782/2003	Bilanċ nett disponibbli Għan-nefqa tal-FAEG
2007	984	22		44753
2008	1 241	22		44 954
2009	1 252	22		45 405
2010	1 257	22		45 867
2011	1 231	22	484	45 880
2012	1 231	22	484	46 356
2013	1 228	22	484	46 840